MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1654/2001/1

**Alison Pace u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti laqghet it-talba biex kunjom 'Pace' jinbidel f'Agius**

**vs**

**Christopher Agius;**

**Carmel Dimech u b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2002 giet kjamata fil-kawza s-socjetà 'Italmal Machinery Ltd' u b'digriet tal-21 ta' Frar, 2008, il-Qorti laqghet it-talba ghal intervent fil-kawza tal-fond tal-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureaux**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Alison Pace li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

L-attrici kienet involuta f'incident awtomobilistiku li gara fis-26 ta' Ottubru 1999 f'Mosta Road, Lija fejn hija kienet passiggiera fil-vettura Austin numru ta' registrazzjoni JBA 437 misjuqa mill-konvenut Christopher Agius u liema vettura habtet ma' gaffa proprjetà tal-konvenut Carmel Dimech, li kienet wieqfa.

Fl-incident imsemmi l-attrici soffriet danni konsistenti f'debilità u korriment ta' natura permanenti.

L-attrici sostniet diveri spejjez, telf ta' qligh u danni ohra in konsegwenza ta u emergenti minn dan l-incident.

Dan l-incident gara unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom.

Kemm il-konvenuti kif ukoll is-socjetajiet ta' assigurazzjoni rispettivi taghhom gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni izda dawn baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma jew huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali mid-debilità u korriment personali minnhom ikkagunati lill-attrici kif premess.

2. Tillikwida d-danni kkagunati.

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Settembru 2000 mibghuta lill-konvenuti kif ukoll lis-socjetajiet assiguraturi Gasan Mamo Insurance Agency Limited u Laferla Insurance Agency Limited u bl-imghax mid-data tal-incident.

Il-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Agius li in forza taghha gie eccepit illi:

L-incident meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u traskuragni tat-terzi possibilment il-konvenut l-iehor Carmel Dimech jew impjegat tal-istess konvenut l-iehor illi kien responsabbli ghall-fatt illi l-gaffa, proprjetà tal-istess konvenut l-iehor, thalliet mitluqa f'nofs tat-triq minghajr ma nghata avertiment lil sewwieqa ohra, skond kif spjegat ahjar fl-annessa dikjarazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmel Dimech li in forza taghha gie eccepit illi:

L-esponenti mhux il-legittimu kontradittur stante, illi x-xogholijiet kienu qeghdin isiru f'Mosta Road, Lija mis-socjetà Italmal Machinery Limited b'ingenji tal-istess socjetà u mhux mill-esponenti personalment u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attrici kif dedotti kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident gara unikament tort tal-konvenut l-iehor Christopher Agius, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk isegwi wkoll illi l-esponenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2002 li permezz tieghu il-Qorti diversament presjeduta ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjetà Italmal Machinery Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà kjamata fil-kawza li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament illi t-talbiet tal-attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident gara unikament tort tal-konvenut Christopher Agius, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk isegwi wkoll illi s-socjetà esponenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2008 fejn il-Qorti kif presjeduta awtorizzat l-intervent fil-kawza "in statu et terminis" tal-Fond tal-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureaux.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti diversament presjeduta.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-attrici u tal-Fond intervenut.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza Alison Pace, illum mizzewga Agius qed titlob kundanna u hlas ta’ danni wara incident awtomobilistiku.

Jirrizulta illi fis-26 ta’ Ottubru 1999 l-attrici kienet riekba f’karozza misjuqa minn Christopher Agius. Kienu l-ghaxra ta’ filghaxija u kien ic-cpar. F’Mosta Road, Lija fid-direzzjoni lejn Birkirkara, il-vettura li fiha kienet riekba Alison Pace habtet f’gaffa li kienet wieqfa fit-triq. L-attrici soffriet griehi f’wiccha.

<u>Responsabbilità ghall-incident</u>

Il-Qorti tibda biex tirreferi ghall-Art. 1031 – 1033 li jipprovdu illi:

> *"**1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
>
> ***1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*
>
> *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*
>
> ***1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Ghal dak li jirrigwarda lil Christopher Agius bhala s-sewwieq tal-vettura huwa ritenut illi:

> *"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u*

*bixxita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…."* – (Soler vs Gove – Prim'Awla – 14 ta' Ottubru 2003).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li s-sitwazzjoni atmosferika fil-mument tal-incident kienet wahda ta' cpar. Il-kap tal-ufficcju meterologiku jikkonferma dan u jzid li l-vizibilità f'dawk il-hinijiet kienet ta' mitt metru. (ara xhieda a fol. 84). PS 1131 Justin Camilleri li kien wiehed mill-ufficcjali tal-Pulizija li marru fuq il-post ukoll jghid li "bqajt impressjonat bl-icpar qawwija li kien hemm". Isemmi inoltre vizwali ta' 40 jew 50 metru (ara xhieda a fol. 75). L-istess pulizija jikkonfermaw illi, ghalkemm fuq il-post huma kkostataw li kien hemm crash barrier imwaqqa', ma sab ebda dwal "warning lights" fuq il-post (ara wkoll xhieda ta' PS 201 Sandro Magro a fol. 71). Il-pulizija kkonfermaw ukoll brakemarks friski ta' bejn 8 u 10 metri.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqis li s-sewwieq ghandu jigi mehlus ghal kollox minn kull htija ghall-akkadut. Din il-Qorti tqis li c-cirkostanzi skabruzi li kien qieghed isuq fihom, b'vizibilità daqshekk ristretta minhabba c-cpar, messhom wassluh biex isuq b'velocità ridottissima. Ma jidhirx li ghamel hekk. Kieku ma kienx jahbat mal-barrier u jibqa' diehel gol-gaffa b'daqshekk qawwa. Anki kieku l-gaffa kellha quddiemha barrier imwaqqa' digà, sewwieq b'velocità baxxa, kif rikjest mill-atmosfera, kien jieqaf xi ftit mal-barrier anki jekk mhux ghal kollox. Mhux talli l-vettura ma waqfitx mal-barrier talli baqghet diehla fil-gaffa b'qawwa li rrizultat fi hsarat enormi fl-istess karozza. Christopher Agius jixhed "Il-hsara fil-karozza

tieghu kienet gravi tant li fil-fatt il-karozza kelli niskreppja (sic).” (fol. 62).

Il-Qorti tghaddi ghalhekk biex tqis x’sehem kellhom fl-akkadut iz-zewg konvenuti l-ohra. Is-socjetà Italmal Machinery teccepixxi li l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2153 tal-Kodici Civili. Jirrizulta f’dan il-kuntest illi l-proceduri odjerni gew intavolati fis-16 ta’ Ottubru 2001. L-incident mertu ta’ dawn il-proceduri kien sehh fis-26 ta’ Ottubru 1999. Ghalkemm is-socjetà ressqet nota tal-eccezzjonijiet taghha fl-14 ta’ Jannar 2003, ma jirrizulta minn ebda dokument fl-atti ebda data jew riferta jew xi prova xort’ohra li turi meta effettivament giet notifikata s-socjetà. Fin-nuqqas ta’ din il-prova, l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Il-principji regolatorji dwar l-imgieba ta’ persuni inkarigati b’xogholijiet pubblici gew ampjament spjegati fil-kawza Fogg vs Ballut Blocks Limited (21 ta’ Frar 2007) fejn il-Qorti kellha dan xi tghid fir-rigward:

> *“Fil-kazijiet ta’ cirkolazzjoni stradali hu dejjem mistenni illi min hu inkarigat minn xoghlijiet fit-toroq jiehu l-mizuri prekawzjonali kollha fl-interess ta’ l-utenti. Dan skond ma jirrikjedu l-esigenzi u l-karatteristici tax-xoghlijiet fit-triq. Hu aspettat li tali mizuri – “guardrails”, blokki tal-konkrit, sinjali, avvertimenti tal-perikolu permezz ta’ avvizi adegwati – mhux biss isiru konformement mal-permess moghti imma wkoll illi dawn ikunu sew mantenuti u mharsa matul il-kors tax-xoghlijiet. Jekk xejn, biex dejjem jiskansaw sitwazzjoni ta’ perikolu u ta’ nasba ghall-utenti.”*

Il-Qorti ghaddiet ghalhekk biex tqis il-provi fid-dawl tar-responsabilità ta’ Carmel Dimech u s-socjetà Italmal Machinery.

Jirrizulta li Carmel Dimech kien inkarigat mix-xogholijiet in kwistjoni. Jirrizulta li huwa direttur tas-socjetà li nghatat il-kuntratt mill-Kunsill Lokali tal-Iklin. Huwa wkoll impjegat mal-istess socjetà u dak in-nhar kien huwa stess li kien qieghed ihaddem il-gaffa. Huwa jghid illi l-gaffa kienet zviluppat xi hsara u ghalhekk thalliet ipparkjata fid-dahla tal-bus shelter. Jghid ukoll illi halla fl-inhawi diversi barriers u anki dwal (fol. 112). Din il-Qorti ma tqisx il-verzjoni ta’ Carmel Dimech verosimili. Hija kontradetta kemm mill-iskizz redatt mill-investigaturi li juri l-gaffa fil-karreggjata, kif ukoll mix-xhieda li taw quddiem il-Qorti l-istess pulizija fejn dawn ikkonfermaw in-nuqqas kemm ta’ barriers ohra ghajr dak l-imwaqqa’, kif ukoll ta’ dwal senjaletici. Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-responsabbilità ghall-incident taqa’ fuq kemm is-socjetà Italmal li kienet responsabbli mix-xogholijiet bhala l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali, kif ukoll fuq Carmel Dimech personalment li halla l-gaffa pparkjata minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jevita incidenti fi triq importanti bhalma fil-fatt hija Mosta Road, Lija. Minn dan kollu il-Qorti tasal ghall-fehma li l-gaffa kif imhollija kienet il-kawza prossima tal-incident, u ta’ dan jahtu kemm Carmelo Dimech kif ukoll is-socjetà li timpjegah.

In konkluzjoni ghalhekk il-Qorti tqis li t-tort ghall-akkadut ghandu jigi sopportat in kwantu ghal kwart minn Christopher Agius u tlett kwarti mill-konvenuti l-ohra.

<u>Danni</u>

L-Art. 1045 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

> *"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Bhala "damnum emergens" il-Qorti tinnota li gew biss prezentati ricevuti fl-ammont ta' €31 in konnessjoni mar-rapport mediku ex parte.

Ghal fini tal-kalkolu ta' "lucrum cessans", jirrizulta li l-attrici soffriet griehi f'wiccha. L-esperti jaslu ghal percentwali ta' dizabilità fir-rigward li jvarjaw bejn 3% u 8%. Il-Qorti qeghda taddotta ghalhekk figura medja ta' 5%. Il-multiplier addottat huwa ta' 40 peress illi l-attrici kellha biss ghoxrin sena fid-data tal-incident u hija ghalhekk tenuta li tibqa' attiva ekonomikament sal-età ta' 65. Il-qliegh taghha dak iz-zmien kien ta' Lm4304 li mieghu il-Qorti qeghda zzid 12% biex jigi kopert l-gholi tal-hajja.

| | | |
|---|---|---|
| Ghalhekk: | Damnum emergens | Lm 31 |
| | Lucrum cessans(Lm4820.48 x 5% x 40) | Lm9640 |
| | Total ta’ | Lm9671 |
| | Ekwivalenti ghal | € 22533.43 |

Il-Qorti m’hija ser taghmel ebda tnaqqis ghal “lump sum payment” u dan minhabba t-tul tal-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tas-socjetà kjamata fil-kawza, tilqa’ t-talbiet ta’ Alison Pace mizzewga Agius fis-sens li tiddikjara li l-konvenuti kollha huma responsabbli ghad-danni kawzati lil Alison Agius fl-incident tas-26 ta’ Ottubru 1999 in kwantu ghal kwart Christopher Agius u tlett kwarti Carmel Dimech u ItalMal Machinery Limited; tillikwida d-danni fl-ammont ta’ €22,533.43 (tnejn u ghoxrin elf hames mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu) ekwivalenti ghal Lm9671; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil Alison Agius is-somma ta’ €22,533.43 (tnejn u ghoxrin elf hames mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu) li  kwart minnhom ghandu jithallas minn Christopher Agius u tlett kwarti in solidum minn Carmel Dimech u Italmal Machinery Limited.

L-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ukoll ghandhom jithallsu mill-konvenuti u l-kjamata fil-kawza fl-istess kwoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------